


SES

Maltese

Maltempati jistgħu jkunu perikolużi ħafna.

Maltempati jistgħu jaslu b'riħ qawwi, xita qawwija, beraq u silġ.

Xita qawwija tista' tikkaġuna għargħar f'daqqa. Postijiet fi nħawi baxxi jistgħu jimtlew bl-ilma mingħajr twissija.

Isma' t-twissijiet tal-maltemp. Kun żgur/a li l-ħbieb, il-familja u l-ġirien ikunu jafu bit-twissija.

Jekk tkun qed issuq, suq il-karozza mingħajr periklu għall-ġenb tat-triq, lil hemm mit-traffiku. Ixgħel il-hazard lights (dwal li jindikaw periklu) tal-karozza u stenna sakemm tgħaddi l-maltempata.

**TIPPARKJAX** il-vettura tiegħek taħt is-siġar. Siġar u friegħi jistgħu jaqgħu waqt maltempati.

Jekk tkun barra, fittex kenn ġewwa. **TOQGĦODX** tistkenn taħt siġar.

Ipproteġi l-oġġetti kollha li ma jkunux f'pożizzjoni fissa fil-ġnien tiegħek jew madwar id-dar tiegħek.

Jekk tkun ġewwa, żomm 'il bogħod mit-twieqi.

Isma' l-ABC tal-lokal jew l-istazzjon tar-radju lokali tiegħek għal twissijiet ta' emerġenza u pariri.

Ipprepara pjan ta' emerġenza tad-dar għad-dar jew negozju tiegħek.

Ipprepara kit ta' emerġenza li jkun fih:

- Dokumenti importanti (passaport/visa, riċetti tat-tabib)
- Radju li jaħdem bil-batterija
- Kit tal-First Aid
- Torċa
- Ritratti u Identifikazzjoni.

Telefonata għal Għargħar u Għajnuna f'Emerġenza fil-Maltemp 132 500.

Telefonata f'Emerġenza f'Theddida tal-Ħajja 000.

Jekk ikollok bżonn tevakwa, ħu l-kit ta' emerġenza miegħek.

**QATT** issuq, tirkeb jew timxi f'ilma kkaġunat mill-għargħar.

**QATT** tħalli t-tfal jilagħbu f'ilma kkaġunat mill-għargħar. L-ilma jkun maħmuġ u perikoluż.

Meta tgħaddi l-maltempata, għarraf lin-nies li inti tinstab tajjeb/tajba.